MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 76/2006

**Il-Pulizija**

***Versus***

**Bernardette Hassen**

L-appellanti Bernardette Hassen kienet mixlija mill-Pulizija Esekuttiva talli fis-17 ta' Settembru 2003, għall-ħabta ta' nofs in-nhar, fil-belt Valletta serqet diversi oġġetti mill-ħanut *Gallarija Darmanin* fi Triq Żakkarija, il-Belt Valletta, b'dan illi s-serq kien ta' madwar ħamsa u erbgħin lira (Lm45) u jitqies serq sempliċi għad-dannu ta' Leanne Vassallo.

Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali b'sentenza tas-7 ta' Marzu 2006 sabet lill-appellanti Bernardette Hassan ħatja ta' l-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u ikkundannatha għal xahar priġunerija.

B'rikors ta' l-14 ta' Marzu 2006 l-appellanti talbet illi din il-qorti tirriforma s-sentenza billi flok il-piena ta' xahar

priġunerija tinfliġġi piena li ma tkunx ta' priġunerija operattiva u twettaqha fil-bqija.
Fis-seduta tas-27 ta' Lulju 2006 quddiem din il-qorti, l-appellanti u l-Avukat Ġenerali qablu illi l-piena tkun ta' priġunerija għal xahar sospiża b'sena.
Il-qorti wara li rat il-qbil bejn l-appellanti u l-Avukat Ġenerali u rat l-atti kollha fil-proċess tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-7 ta' Marzu 2006 billi twettaqha fejn sabet ħtija taħt l-artt. 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali u fejn infliġġiet piena ta' priġunerija għal xahar b'dan iżda illi s-sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul iż-żmien ta' sena millum, l-appellanti tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.
Tordna wkoll illi tintbagħat kopja ta' din is-sentenza lill-ewwel qorti kif irid l-art. 428(8) tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------